# Kumitat Amministrattiv SWATAR
## Kunsilli Lokali Birkirkara u L-Imsida

Swatar Administrative Committee – Birkirkara and L-Imsida Local Councils

### Minuti

## Seduta Nru. 46/2014

Data: Il-Erbgħa, 5 ta' Marzu 2014

Ħin: 5:30pm

Post: Kunsill Lokali L-Imsida, Pjazza Menqa Msida

---

| | |
|---|---|
| Preżenti: | Mary Rose Mifsud – *Chairperson*<br>Catherine Mangion – *Membru*<br>John Mary Zahra (Jimmy) – *Viċi Chairperson*<br>Jane (Yvonne) Spiteri – *Membru*<br>Margaret Baldacchino Cefai – *Sindku, Kunsill Lokali L-Imsida*<br>Marita Portelli – *Segretarju Eżekuttiv* |
| Skużati | Rudolph Cini – *Membru* |

---

### AĠENDA

1. Talba;
2. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;
3. Punti Mqajma mill-Minuti;
4. Korrispondenza;
5. Traffic Management ġewwa s-Swatar;
6. Elezzjonijiet tal-Kumitati Amministrattivi;
7. Laqgħa Pubblika;
8. SMS Alerts u Imejls Privati;
9. Komunikazzjoni miċ-*Chairperson;*
10. Għeluq u Aġġornament.

## Kontenut

Annex A Minuti 46/2014

Annex A

Minuti 46/2014

## 1. Talba

**1.1** Il-laqgħa bdiet fis-5.30pm billi ntqalet it-talba miċ-*Chairperson*.

## 2. Traffic Management – Apoloġija

**2.1** Iċ-'Ċhairperson' talbet apoloġija f'isem il-Kumitat tas-Swatar lil Alfred Vella wara li dan reġa attenda l-laqgħa biex jagħti xi informazzjoni fuq it-Traffic Managment u s-Sur Żahra, li hu responsabbli mit-toroq, informa lill-Kumitat fil-5.30pm li kien ġej tard. Is-Sur Vella kellu jitlaq għax kellu impenji oħra. Iċ-Chairperson qalet li din mhux l-ewwel darba li saret.

*Apoloġija lil Alfred Vella*

## 3. Qari, Korrezzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

**3.1** Punt 3.7 – Is-Sna Spiteri qalet li l-isleeping police mhux ezatt Triq is-Swatar pero' fil-biċċa triq ta' bejn Triq is-Swatar u Triq Balliju Gutenberg.

**3.2** Punt 7.3 – Is-Sna Spiteri ġibdet l-attenzjoni li hi m'attendietx il-laqgħa li għaddiet u għalhekk ma setgħetx fakret lill-Kumitat hi. Is-Segretarju talbet apoloġija ta' l-iżball li ħadet u amendat il-minuti b'isem is-Sur Żahra għax hu kien semma dawn il-punti.

**3.3** Daħal fil-laqgħa s-Sur Jimmy Zahra fis-17:58

**3.4** Punt 7.3 – Is-Sur Zahra qal li hu xtaq li mhux biss jitneħħa l-arblu fi Triq is-Swatar imma li jiżdied id-dawl fiż-żona. Qal li l-bozzoz għandhom isiru fejn hemm l-iskips u l-istage, u faċċata tagħhom in-naħa l-oħra tat-Triq.

## 4. Punti Mqajma mill-Minuti

**4.1** Punt 3.1 – Is-Segretarju informat lill-Membri tal-Kumitat li ser issir laqgħa ma' Antoinette Vassallo, Chairperson tal-Housing Authority rigward l-Art tas-Sisla fis-Swatar. Talbet pero' li s-Segretarju tkompli tipprova tagħmel laqgħa mad-Direttur tad-DLG u mas-Segretarju Parliamentari Jose' Herrera dwar l-inkjesta li talbet li ssir fuq l-istess art tas-Sisla.

*Laqgħa dwar l-art tas-Sisla*

**4.2** Il-Membri tal-Kumitat fakkru lis-Segretarju biex tfakkar lill-Kunsill ta' Birkirkara fuq bozza fi Triq Anthony Valletta.

*Bozza mitfija fi Triq Anthony Valletta*

**4.3** Punt 3.9 – Is-Segretarju informat lill-Kumitat b'laqgħa li saret mal-Kap u l-Operations Manager tas-St Martin's College. Is-Sna Spiteri uried id-dispjaċir tagħha li hi ma kienetx informata b'din il-laqgħa. Is-Segretarju spjegat li din kienet laqgħa mitluba mill-Kunsill ta' L-Imsida u ġiet informata ċ-Chairperson tal-Kumitat. Is-Segretarju informat lill-Kumitat li l-iskola bil-ħsieb li jirranġaw il-parkeġġ ta' quddiem l-entratura biex minn 'herringbone' isir parallel parking biex b'hekk jonqos il-konġestjoni fiż-żona. Is-Sna Spiteri qalet li dan il-kliem ilhom jgħiduh sentejn u għadu ma sar

*St Martin's College – Stqarrija dwar il-konġestjoni*

xejn. Sar qbil li tintbaħat imejl lill-iskola bil-minuti tal-laqgħa fejn is-Segretarju tinformahom b'dan u ssir talba li dan il-proġett isir fi żmien imwiegħed. Is-Segretarju qalet ukoll li kellhom problema biex it-tfal jinġabru minn Triq Indri Grima minħabba nuqqas ta' spazju fejn idawru l-karozzi, u xi trakkijiet tal-ġbir ta' l-iskart. Qalet li għandu jintbaħat il-Perit tal-Kunsill ta' L-Imsida biex jara x'jista' jsir. Il-Kumitat, wara diskussjoni twila fuq l-inkonvenjent li jiġi kkawżat lir-residenti qablu li ser jitolbu li jsir filmat taż-żona kif tkun bejn is-2.30 u t-3.30pm u joħorġu stqarrija f'isem il-kumitat fuq il-miedja lokali. Din ser toħroġ fl-20 ta' Marzu 2014. Qablu wkoll li jiġi kkomunikat li l-iskola qalet li ser tirranġa l-parkeġġ waqt il-vakanzi ta' l-Għid u qablu li l-filmat jerġgħa jittieħed wara l-għid biex jiġi muri jekk ikunx sar xi xogħol jew le.

4.4 Iċ-Chairperson fakkret li fis-19 ta' Marzu ser ikun hemm il-Blood Donation Unit, li minflok fit-trakk ser jarmaw fis-sala tal-Knisja. Ser isiru xi flyers biex ir-residenti jiġu informati. *Blood Donation*

4.5 Is-Segretarju informat lil-Kumitat li l-Kunsill ta' L-Imsida ddiskuta fuq is-sit li għaddej minn proċess ta' Rationalisation u li bażikament qablu mal-proposti tal-Kumitat tas-Swatar (barra wieħed li xtaqt li ż-żona tibqa ODŻ). Il-punti msemmija kienu: *Sit ta' Rationalisation*

- li kwalunkwe żvillupp li jsir għandu jżomm f'moħħu l-problema tat-traffiku minħabba is-St Martin's College u li għandu jsir studju tajjeb fuq dan.
- m'għandhomx jinbnew aktar flattijiet
- l-iżvillup ikun sostenibbli fir-rigward ta' parkeġġ (issemmiet il-possibilita' ta' parkeġġ taħt l-art)
- jiġi assigurat l-integrita' aestetika tas-Swatar
- li jiġi limitat l-għoli ta' l-iżvillupp.
- Importanti li jitħallew diversi spazji miftuħa għar-rekreazzjoni u tisbieħ.

Il-Kumitat tas-Swatar qabel ma' dawn il-proposti.

4.6 Is-Sindku ta' L-Imsida informat lill-membri tal-Kumitat li L-Imsida, San Pawl il-Baħar, u il-Fgura għedin jieħdu sehem f'proġett pilota bl-isem ta' Lokalitajjiet aktar Ħodor'. Talbet lil-kumitat jipproponi xi żoni fis-Swatar li jista jsir tisbiegħ fihom. Huma ssuġġerew Triq Indri Grima, biex isir Belleveder, u sit faċċata tal-Playing Field, għal Picnic Area. Is-Segretarju għandha tikkonferma jekk l-artijiet imsemmija humiex tal-Gvern. *Lokalitajjiet aktar hodor.*

## 5. Korrespondenza

5.1 Ma kienx hemm ebda korrispondenza x'titressaq quddiem il-Kumitat.

## 6 Traffic Management

6.1 Is-Segretarju spjegat li qed jipproponu l-Periti u anke uriet l-proposti fuq il-pjanti, bil-kulur, li ħalla s-Sur Vella. Il-Kumitat qabel mal-proposti kollha minbarra Option 3 li tingħalaq l-aċċess għat-triq li tagħti għal-Mater Dei minn Triq it-Torri. Il-Kumitat qal li jekk isir hekk ser tkun qed jingħalaq ħruġ ieħor mis-Swatar. *Traffic Management*

6.2 Sar qbil li s-Sur Zahra ser jara dawn il-proposti aktar fid-dettal u jitkellem mas-Segretarju sal-ġimgħa d-dieħla biex jingħata

risposta lill-Periti.

6.3 Is-Sur Zahra ħareġ mill-laqgħa fis-19:26

## 7 Elezzjonijiet tal-Kumitati Amministrattivi

7.1 Il-Membri tal-Kumitat ġew informati li l-elezzjonijiet ser isiru nhar il-24 ta' Mejju. Ġie kkonfermat li sa issa dik l-unika informazzjoni li ntbagħtet lill-Kunsill. *Elezzjonijiet*

## 8 Laqgħa Pubblika

8.1 Iċ-Chairperson talbet li s-Sindku ta' L-Imsida u B'Kara jiftehmu fuq meta l-aħjar li ssir il-laqgħa pubblika tas-Swatar. *Laqgha Pubblika*

8.2 Waqt din il-laqgħa ser jingħata informazzjoni fuq ix-xogħol li sar u x'inhu ppjanat li jsir. *Bozza ġdida fi Triq il-Qanpiena*

8.3 Il-membri tal-Kumitat urew id-dispjaċir tagħhom fuq it-taraġ li kellu jsir mill-Kunsill ta' Birkirkara. Is-Segretarju ntalbet issib il-pjanti ta' dan it-taraġ. Il-membri tal-Kumitat qalu li s-Segretarju preċedenti kien informahom li kellu japplika l-perit għal-permess. Is-Segretarju għandha tiċċekja jekk hemmx xi pjanti. *Taraġ mis-Swatar għal-Triq il-Wied (B'Kara)*

## 9 SMS u Imejlt Alerts

9.1 Is-Segretarju talbet lill-membri tal-Kumitat Amministrattiv biex, jekk m'għandhomx oġġezzjoni, jagħtu l-informazzjoni dwar in-numru tal-mobajl u l-imejl privat tagħhom lid-Dipartiment. *SMS u Imejl Alerts*

## 10 Mistoqsijiet mill-Membri tal-Kumitat

10.1 Is-Sindku informat lill-membri tal-Kumitat li minħabba vandaliżmu li sar fil-Bandli tas-Swatar il-Kunsill ta' L-Imsida ser iħallas madwar €800 fi spejjeż. Hi qalet li dawn setgħu intefqu biex isir xi proġett. *Bandli - Tiswijiet*

## 11 Kommunikazzjoni miċ-Chairperson

11.1 Iċ-Chairperson talbet għal-konkorrenza waqt l-attivita' tas-19 ta' Marzu. Qalet li priorita' li jsir ix-xogħol fuq it-Taraġ, u li jkollha risposta pożittivita fuq l-art tas-Sisla. Semiet ukoll li hi ser tindaga iżjed fuq garaxx li kellu jingħata lill-Kumitat tas-Swatar mill-Awtorita' tad-djar.

11.2 Iċ-Chairperson u l-membri tal-Kumitat irringrazzjaw lis-Segretarju Eżekuttiv ta' L-Imsida għax-xogħol li għamlet minħabba li din kienet ser tkun l-aħħar laqgħa tagħha magħhom. *Ringrazzjament lis-Segretarju*

## 12 Għeluq u Aġġornament

12.1 Il-laqgħa ġiet aġġornata fit-20:05

| | |
|---|---|
| Mary Rose Mifsud | Marita Portelli |
| *Chairperson* | Segretarju Eżekuttiv |

Data